# Lectio Divina
## Is-7 Ħadd ta' Matul is-Sena
## Sena Ċ

## Lq 6:27-38

**F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: «Imma lilkom, li qegħdin tisimgħuni, ngħidilkom:**

Wara li Ġesù jkellem lid-dixxipli dwar l-hena li jinsab f'li wieħed isib il-faraġ u l-kenn tiegħu f'Alla, issa jidħol fuq ir-relazzjoni ta' bejn l-aħwa li għandha l-pedament tagħha f'Alla li ħabbna l-ewwel (cfr *1Ġw* 4:19). Aktar milli ġabra ta' normi etiċi-morali, f'din is-silta nsibu r-rivelazzjoni tal-ħlewwa tal-Missier li juri tjieba lejn uliedu għaliex Hu l-ewwel li jġib ruħu magħna kif jistenna li aħna nġibu ruħna mal-oħrajn. Qabel din is-silta titkellem dwarna, titkellem dwaru: «Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin» (*Rum* 5:8). Id-destinatarji tal-kelma ta' Kristu huma dawk li lesti jiftħu qalbhom għas-smigħ tiegħu u jħallu din il-kelma tkebbisha (cfr *Lq* 24:32). Dawk li jisimgħu huma «l-għedewwa ta' Alla» li saru ħbieb tiegħu «bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu» (*Rum* 5:10).

**Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom.**

Fit-TQ insibu kmandamenti dwar l-imħabba lejn il-proxxmu (cfr *Lev* 19:17-18) u l-bżonn ta' kompassjoni quddiem l-għadu li jinsab fid-diffikultà materjali: «Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk inhu bil-għatx, isqih; hekk tiġmagħlu l-ġamar fuq rasu, u jkun il-Mulej li jroddlok» (*Prov* 25:21-22; cfr *Eż* 23:5). Huma preċetti li jħarsu livell ta' umanità hekk li saħansitra l-għadu jibqa' bniedem li wieħed irid jgħin fil-ħtieġa. Iżda hawn Ġesù jistieden għal atteġġjament li jmur li 'l hinn mis-sempliċi sentiment ta' umanità u jgħaddi mill-*passività* għal *tweġiba* tal-bniedem li quddiem l-għadu u l-mibegħda, is-saħta u ż-żeblIħ tiegħu jwieġeb

bl-imħabba, bil-benevolenza, bil-barka u bit-talb. L-għadu u l-atteġġjamenti tiegħu jsiru l-okkażjoni għad-dixxiplu ta' Kristu sabiex jinfetaħ għall-esperjenza tal-grazzja u jgħix il-beatitudnijiet: «La troddux deni b'deni jew tagħjir b'tagħjir; imma għall-kuntrarju, wieġbu bil-barka tagħkom, għax għal dan intom kontu msejjħa, biex tkunu werrieta tal-barka ta' Alla» (*1Pt* 3:9; cfr *Rum* 12:17).

**Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa ma għandek tiċħadlu. Agħti lil kull min jitolbok; u min jeħodlok xi ħaġa tiegħek, titlobhilux lura.**

L-indikazzjonijiet li jagħti Ġesù jmorru li 'l hinn minn dak li huwa *korrett* – anzi jitolbu mid-dixxiplu li ma jirrivendikax dak li hu tiegħu bi dritt. Quddiem il-vjolenza fiżika, Ġesù jikkoreġi l-mentalità ta' *għajn b'għajn, sinna b'sinna* sabiex il-bniedem ma jpattix lura għad-deni li rċieva (cfr *Mt* 5:38-39). Id-dixxiplu għandu jkollu atteġġjament non-vjolenti li m'għandux jiftiehem bħala xi rassenjazzjoni quddiem l-inġustizzja b'mod li l-bniedem ħażin jissaħħaħ fil-fehma tiegħu. L-istess Ġesù staqsa l-għalfejn tad-daqqa ta' ħarta li rċieva mingħand il-qaddej tal-Qassis il-kbir (cfr *Ġw* 18:23; anki Pawlu jappella għad-drittijiet tiegħu ta' ċittadin Ruman cfr *Atti* 16:36-39; 22:24-25; 23:3). Iżda l-vjolenza ma tintrebaħx b'aktar vjolenza imma bil-qawwa 'vjolenti' tal-imħabba ta' Alla mitluf wara l-poplu tiegħu li "hija daqshekk kbira li ddawwar 'l Alla kontra tiegħu nnifsu, imħabbtu kontra l-ġustizzja tiegħu" (*Deus caritas est* 10). Jekk għas-semmiegħ Lhudi l-«mantar» kellu jintradd lura anki lil min tkun ħadthulu bħala rahan għad-dejn li għandu miegħek (cfr *Eż* 22:25-26), issa Kristu kien qed jgħid li d-dixxiplu għandu jkun lest li jibqa' għeri akkost li jħares ir-rabta ma' ħuh, anke jekk din hija inġustizzja: «Imma l-aħwa jħarrku 'l xulxin, u dan quddiem il-pagani! U mhux ġa nuqqas għalikom li jkollkom kawżi bejnietkom? L-għala ma ssofrux l-inġustizzja? L-għala ma tagħżlux li tħallu min iqarraq bikom?» (*1Kor* 6:6-7). Dak li jagħti *sens* lil dawn il-kelmiet huwa l-eżempju ta' Kristu li għall-imħabba kbira tiegħu għalina laqa' s-swat, ġie mneżżgħa u tana kollox, tana lilu nnifsu u dan bi grazzja: «Għax din hi grazzja li wieħed ibati bla ħtija għal Alla, u jieħu bis-sabar it-tbatija. X'mertu jkollkom li tieħdu bis-sabar is-swat meta tkunu għamiltu l-ħażen? Imma jekk tagħmlu t-tajjeb u ssofru t-tbatija bis-sabar, din tkun grazzja quddiem Alla. Għal dan intom kontu msejjħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju

biex timxu fuq il-passi tiegħu. Hu li ma kien għamel ebda dnub, meta għajruh ma weġibx bit-tagħjir; meta bata ma heddidx imma ħalla f'idejn l-Imħallef ġust» (*1Pt* 2:19-24).

**Kif tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, hekk ukoll agħmlu intom lilhom.**

Fost il-Lhud, ir-*regola tad-deheb* kienet teżisti taħt il-forma negattiva: "Dak li jdejjaq/inikket lilek, tagħmlux lil ħaddieħor. Din hi l-liġi kollha: il-bqija hija kummentarju" (Hillel); «Dak li tobgħod int, tagħmlux lil ħaddieħor» (*Tob* 4:15; cfr *Sir* 31:15). Imma f'Ġesù nsibuha fil-forma pożittiva b'mod li ssejjaħ għall-*attività* u l-*kreattività* tal-imħabba – mhijiex aktar loġika difensiva/protettiva, imma loġika pro-attiva fejn il-pass li rrid immidd mhux dak tal-biża' frott il-konsegwenzi (anzi f'dan il-każ nibqa' paralizzat fejn jien) imma dak tal-imħabba li titlob id-de-ċentrament mill-*jien* tiegħi biex nidħol f'dik is-*sintonija* li tgħinni nersaq u nħobb lill-ieħor: "Jekk inħobb, il-ġid tiegħi jinsab 'l barra minni: huwa l-*ieħor* li nħobb" (Fausti).

**Jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax il-midinbin ukoll iħobbu lil min iħobbhom. U jekk tagħmlu l-ġid lil min jagħmel il-ġid lilkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax dan jagħmluh saħansitra l-midinbin. U jekk tisilfu xi ħaġa lil min tistennewh iroddhielkom lura, xi ħlas jista' jkollkom? Il-midinbin ukoll jisilfu lill-midinbin, bil-ħsieb li jieħdu lura daqshekk ieħor mingħandhom.**

Il-«*plus*» tal-ħajja tajba tad-dixxiplu, meħtieġa sabiex jidħol fis-Saltna ta' Alla (cfr *Mt* 5:20) ma jinsabx f'kemm *ma jaqax fid-dnub* imma f'kemm iħalli l-imħabba ta' Kristu ssuqu f'atteġġjamenti li jmorru li 'l hinn mill-kortesija umana, mill-ġustizzja, u mil-liġi tas-suq ta' 'nagħtik biex tagħtini' (*do ut des*). Fiċ-ċentru ta' kull azzjoni indikata minn Kristu mhemmx *jien* (dak li ser nikseb) imma l-*ieħor*. Din isseħħ biss kemm-il darba d-dixxiplu jgħix iċ-ċaħda tiegħu nnifsu biex fih jikber Kristu u jilbes is-sentimenti tiegħu (cfr *Ġw* 3:30; *Kol* 3:12-14).

**Imma intom ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid, isilfu bla ma tistennew xi ħaġa lura, u l-ħlas tagħkom ikun kbir, u tkunu wlied Alla l-Għoli, li hu tajjeb mal-ingrati u l-ħżiena.**

Il-pedament u r-raġuni għala d-dixxiplu għandu jgħix atteġġjamenti li ma jiġuhx b'mod naturali u awtomatiku huwa l-fatt li b'dan il-mod jgħix tassew l-identità tiegħu ta' xbieha ta' Alla, ta' iben li fl-Iben jara dak li jagħmel il-Missier (cfr *Ġw* 5:19; *Atti* 14:7). Hija bl-imħabba

lejn l-għedewwa li d-dixxiplu jsir *imitator Dei:* «Kunu, mela, tixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba, u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla» (*Efes* 5:1-2). "Meta nagħtu minn dak li hu tagħna u naħfru lill-oħrajn, inkunu nippruvaw nerġgħu nwettqu f'ħajjitna rifless ċkejken tal-perfezzjoni ta' Alla, li jqassam u jaħfer b'kotra bla tarf" (FRANĠISKU, *Gaudete et exsultate* 81). Dan jgħodd b'mod speċjali għall-«qaddej tal-Mulej» li «m'għandux joqgħod jitlewwem; imma għandu jkun ħlejju ma' kulħadd...» (*2 Tim* 2:24). "Għall-Freud il-kmandament tal-imħabba għall-għedewwa jagħmel parti mill-*«credo quia absurdum est».* Imma quddiem il-mistoqsija 'Fejn se mmorru jekk niċċaħdu mill-użu tal-forza u naħfru?', nistgħu nagħmlu mistoqsija kuntrarja: Fejn se mmorru jekk ma jibqax post għall-maħfra u għall-possibilità li wieħed jirripara, u jekk irridu npattu għal kull inġustizzja li ssirilna b'inġustizzja ġdida skont il-prinċipju 'għajn b'għajn, sinna b'sinna'? Wara l-esperjenzi koroh tal-orruri tas-seklu XX, il-problema tal-maħfra u tal-imħabba għall-għedewwa saru mill-ġdid attwali u wasslu għall-bidla fil-mentalità f'diversi oqsma. Hareġ ċar li minkejja li dawn l-atti huma sovraumani, huma atti daqstant ieħor razzjonali [...] L-imħabba għall-għedewwa mhijiex għalhekk xi «*credo quia absurdum»* imma parti mill-*«credo quia rationalibus est»* (WALTER KASPER, *Misericordia. Concetto fondamentale del vangelo – chiave della vita cristiana*, = gdt 361, Queriniana, Brescia 2015[6], 213-215).

**Hennu, bħalma hu ħanin Missierkom. Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati; aħfru, u ssibu l-maħfra, agħtu, u jingħatalkom.**

It-triq tal-qdusija (cfr *Lev* 19:2) u tal-perfezzjoni (cfr *Mt* 5:48) tinsab f'li wieħed juri mal-aħwa l-istess ħniena tal-Missier: "Huwa programm ta' ħajja impenjattiv imma daqstant ieħor mogħni bil-ferħ u l-paċi" (FRANĠISKU, *Misericordiae Vultus,* 11 Apr 2015, 13). Hu min iduq il-ħniena, il-maħfra, id-don ta' Alla li jista' jsir strument – u jekk imsejjaħ, ministru – ta' din il-ħniena (cfr *1Tim* 1:13): "Il-ħniena *ġġedded u tifdi,* għaliex hija laqgħa bejn żewġt iqlub: dik ta' Alla li jiġi jiltaqa' ma' dik tal-bniedem. Din tal-aħħar terġa' tisħon u tal-ewwel jagħtiha s-saħħa mill-ġdid: il-qalb tal-ġebel tiġi mibdula f'qalb tal-laħam (cfr *Eżek* 36:26), li kapaċi tħobb minkejja d-dnub tagħha. Hawnhekk jinħass li dan huwa tassew «ħolqien ġdid» (cfr *Gal* 6:15): jiena maħbub, allura neżisti; jiena maħfur, u b'hekk nista' nerġa' nitwieled għal ħajja

ġdida; 'rajt il-ħniena', u b'hekk insir strument ta' ħniena" (FRANĠISKU, *Misericordia et misera*, 20 Nov 2016, 16).

**Kejl tajjeb, marsus, mheżżeż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel lilkom».**

Quddiem il-Kelma ta' Kristu, il-bniedem għandu quddiemu l-għażla bejn it-triq tal-hena jew it-triq tal-ħsara, it-triq tal-ħajja jew dik tal-mewt (cfr *Dt* 30:19-20). Li tbierek lil min jisħtek, li titlob għall-għedewwa tiegħek, li ssum għal dawk li jippersegwitawk huma t-tpoġġija fil-prattika tal-kmandament tal-imħabba li huwa t-triq tal-ħajja (cfr *Didache*, I,1-3). Li ma twettaqhomx ifisser ma tilqax iż-żjara ta' Ġesù fid-dinja – li ġedded ir-relazzjoni ta' Alla mal-bniedem u tal-bnedmin bejniethom – b'konsegwenza li taqbad it-triq tar-rovina u t-tiġrif (cfr *Lq* 19:43-44). Għaldaqstant l-*għadu* għandu jitqies bħala *proxxmu* li jgħin lid-dixxiplu jgħix it-triq tal-beatitudnijiet.

**Għar-riflessjoni**

Fil-verità, l-għadu l-kbir tagħna jinsab fina u mhux 'il barra minna, u t-taqbida li rridu nissieltu fiha mhijiex dik kontra l-oħrajn imma dik kontra l-inġustizzja li hemm f'qalbna, kontra l-assolutizzazzjoni tal-*jien* tiegħi b'detriment għall-oħrajn: meta jidher quddiemna għadu estern li jmerina, li jnikkitna, li jikkalunjana, li jweġgħana, hija meħtieġa ħidma interjuri serja biex niżviluppaw sentimenti u enerġiji pożittivi lejn l-ieħor. Għaliex ma nqisux lill-għadu bħala għalliem? Hu fil-fatt l-għadu li jista' jurini aktar mill-oħrajn liema huma d-dgħufijiet veri tiegħi, li jgħinni ninduna kemm jiena egoista u ftit li xejn lest li naċċetta li dak li jkun imerini; u huwa l-għadu, ukoll, li jista' jgħinni noħroġ minni nnifsi l-aħjar tiegħi, li jista' jqajjem fija xrara mhix mistennija ta' awtentiċità, li jista' jxettel fija valuri u konvinżjonijiet moħbija li kien ilhom żmien li waqqfu milli jsawwru l-ħajja tiegħi... Fit-tradizzjoni tal-padri tad-deżert kien hemm l-eżortazzjoni biex wieħed iqis lill-għadu bħala għalliem, tabib, benefattur. L-għadu tal-lum jista' jkun il-ħija ta' għada u għalhekk jeħtieġ li wieħed jitlob u saħansitra jsum – kif jindika d-*Didache*. Iva, it-triq tal-maħfra, tal-imħabba u tat-talb għall-għadu hija waħda tqila, iżda kif kien jgħid Ġwanni Kriżostmu, hija t-triq li tagħmilna bħal Alla!

ENZO BIANCHI, *Mio persecutore, mio maestro*, fi *La Stampa* (1 Nov 2002).